**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 19 ta’ Jannar 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 211/2017 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-esponenti kienet f'relazzjoni ma' l-intimat, liema relazzjoni, illum-il gurnata, intemmet.*

2. *Illi minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri E D, nhar il-5 ta Settembru 2004, u ghalhekk, llum-il gurnata ghandu telattax-il sena u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid imCat bhala Dok MM01.*

3. *Illi l-esponenti kienet inizzjat procedure ta' medjazzjoni sabiex tkun tista' tasal fi ftehim amikevoli ma' l-intimat rigwardanti l-imsemmi minuri, liema ftehim, sfortunatament, ma sehhx, u ghalhekk, konsegwentament, l-attrici kellha tirrikorri ghall-kawza odjerna. L-intimat deher biss darba ghall-medjazzjoni, ghal liema appuntament kien gie mal-partner il-gdida tieghu, u minn dakinhar 'l quddiem ma attenda qatt izjed.*

4. *Illi l-imsemmija medjazzjoni bin-numru 300/17 fl-ismijiet premessi kienet maghluqa permezz ta' digriet datat 19 ta' Lulju 2017, liema digriet qiegehd ikun esebit u mCat bhala Dok MM01.*

5. *Illi l-attriċi tixtieq li jkun regolat l-access, manteniment, kura u kustodja tal-minuri imsemmi aktar 'l fuq.*

6. *Illi fil-prezent, l-intimat ma jhallasx manteniment ghal ibnu minuri u lanqas ma jipprovdi ghall-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri E, liema minuri ghandu bzonnijiet specjali ghaliex ibati minn diversi kundizzjonijiet.*

7. *Illi l-intimat jezercita' access ghall-minuri izda liema access mhux regolat peress li l-intimat jippretendi li jara lill-minuri meta jixtieq hu.*

8. *Illi dan kollu li nghad ser jigi ppruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri.*

9. *Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:*

1. *Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Chirstopher D tkun fdata f'idejn l-attrċi Omm.*

2. *Tordna li l-manteniment adegwat ghall-minuri ghandu jkun dak ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar.*

3. *Tiffissa granet u hinijiet meta l-intimat ghandu jkollu access ghall-minuri ibnu, b'dan illi l-access m'ghandux itellef lill-minuri mill-attivitajiet tieghu, kemm dawn extra-kurrikulari kif ukoll dawk edukattivi.*

4. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li din il-Qorti jidhrilha huma fl-ahjar interess tal-minuri E D.*

*B-lispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mir-rikorrenti kontra l-intimat li huwa ingunt minn issa in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat u ppreżenta risposta ġuramentata fejn ġie eċċepit:[2]

1. *Illi l-esponent kellu relazzjoni ma l-intimata, liema relazzjoni illum intemmet.*

2. *Illi minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri E D nhar il-5 ta' Settembru 2004.*

3. *Illi l-medjazzjoni nru 300/17 nghalqet.*

4. *Illi l-esponent jaqbel li ghal gid tal-minuri jkun regolat l-access, manteniment, l-kura u l-kustodja tal-minuri E D.*

5. *Illi l-esponent jixtieq li lkura u l-kustodja tkun kongunta.*

6. *Illi huwa lest li jhallas is-somma ta' mija u sitt Ewro fix-xahar flimkien ma nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha.*

[2] Fol. 13.

7. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[3] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[4]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawża odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien iżda ma jirriżultax li dawn qatt kienu miżżewġin, minn liema relazzjoni twieled E D nhar il-5 ta' Settembru 2004. Jidher illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn u fid-dawl ta' dan, iben il-partijiet spiċċa jgħix mal-attriċi filwaqt li l-konvenut kien qed igawdi mid-dritt ta' aċċess għal ibnu. Jingħad illi tenut kont tal-fattispeċji tal-każ odjern, l-attriċi ntavolat din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward binha tiġi regolata formalment permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob:

i. Tiġi fdata b'mod esklussiv il-kura u kustodja ta' binha, filwaqt li jiġi ffissat mod ta' kif jista jiġi eżerċitat l-aċċess mil-konvenut fil-konfront tal-iben;

ii. Tiffissa manteniment adegwat għal iben il-partijiet fis-somma ta' €250 fix-xahar;

[3] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2018, a fol. 15.
[4] Fol. 102.

iii. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jaqbel mat-talbiet tal-attriċi, għajr għalikwidazzjoni tal-manteniment in kwistjoni.

## 2. Mertu Eżawrit:

Il-Qorti rat illi iben il-partijiet twieled nhar il-5 ta' Settembru 2004, b'dana illi fil-preżent E D għandu tmintax-il (18) sena, u b'hekk huwa maġġorenni. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi fis-seduti quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ġie ddikjarat illi Chrstopher D huwa fil-fatt maġġorenni u li qiegħed jaħdem. Il-Qorti tara illi prova tal-ħidma ta' E D ma tresqitx.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tara illi l-kwistjonijiet ta' kura, kustodja u aċċess il-mertu ġie eżawrit u b'hekk mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li għalkemm il-knvenut iddikjara li ibnu qiegħed jaħdem, huwa ma ressaq l-ebda prova ta dan u għalhekk, sabiex id-drittijiet ta' E D jiġu ssalvagwardjati, il-Qorti tordna li f'każ li iben il-partijiet E D mhux qiegħed jaħdem fuq bażi *full-time*, iżda għażel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li laħaq l-eta' maġġorenni, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri qiegħed jew jagħżel li jmur jgħix għal rasu, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

## DEĊIDE:

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tielet u r-raba' talba tal-attriċi stante li l-mertu ġie eżawrit fil-mori tal-proċeduri;

2. Tilqa' it-tieni talba salv li iben il-partijiet E D mhux qiegħed jaħdem fuq bażi *full-time*, iżda għażel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li laħaq l-eta' maġġorenni, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri qiegħed jew jagħżel li jmur jgħix għal rasu, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

Spejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.